HENRY J. FRENDO

# L-EVOLUZZJONI TA' PARTITI POLITIĊI FIL-GŻEJJER MALTIN (1880-1926)

*In a liberal adaptation of aspects of his Oxford D. Phil. Thesis (which was presented last year),* DR. HENRY J. FRENDO* *here summarizes some of his major conclusions with regard to the origins, formation and development of political parties in the Maltese Islands during the nationalist colonial era. He notes, in particular, both the social and the political aspects of the typical colonial setting, indicating a dialectic forming between what he calls "the Patriotic Mentality" (tradition-resistance-autonomy) and "the Colonial Dynamic" (domination-modernisation-assimilation) from which a new situation very slowly arises. Although it is made evident that partizan rivalry became entrenched as early as the 1880s, it was still possible to rally communal feeling in the patriotic cause when critical situations developed. Partly because of this process — in a society where class differences were not so accentuated as elsewhere — the parties influenced one another in what the author presents as a theory of alternating succession.* DR. FRENDO's *conclusion may be interpreted as an appeal to the citizen and politician of post-colonial Malta radically to change the traditionally partisan instransigence bred by past conditions into a broadening of political commitment throughout society in the light of a civic disposition. At the end of the article, the author sets out in brief the first reconstruction ever made of party alignments in Malta before the beginnings of parliamentary government.*

Dwar x'hix kienet il-politika f'Malta u Għawdex fiż-żmien meta ħarġu l-partiti politiċi fil-ħajja pubblika, bħala dawk l-organiżmi vitali li jiġbru, iwasslu u jirrappreżentaw l-ilmenti, l-inċertezzi u l-ħtiġijiet tal-poplu? Kif u għaliex oriġinaw il-partiti politiċi, taħt liema ċirkustanza, b'liema sura, u x'għanijiet kellhom? Minn liema fatturi jew aċċidenti jiddependi **x'forma jew fażi** ta' organizazzjoni politika tissaqqa, titrabba, titrawwem f'pajjiż? Jekk l-organiżazzjoni politika tiddependi, almenu sa ċertu punt, fuq l-istruttura soċjali, sa fejn nistgħu ngħidu li kemm waħda kif ukoll l-oħra jiddependu mill-ambjent u mill-interazzjoni ta' forzi materjali u spiritwali fiż-żmien?

Il-politika hi, kullimkien, dwar l-użi u l-abużi tal-poter, għaliex hemm universalità kurjuża fl-imġieba tal-bnedmin, irrispettivament mill-kulturi nazzjonali u tribali, għalkemm ftit isir qbil dwar fejn jispiċċa l-użu u jidħol l-abbuż, fi kliem ieħor dwar x'inhu użu tajjeb u użu ħażin jew inkomplet. Iċ-ċirkostanzi partikolari ta' stati u soċjetajiet f'perijodi differenti ta' żmien jikkontribwixxu attivament għall-iżvilupp ta' xejriet speċjali u distinti f'inħawi diversi, u anki b'manjieri jew metodi li jidhru, u forsi jkunu, almenu fil-wiċċ, uniċi.

"Yes but not in Malta", kienu jgħidu l-Ingliżi, u jirrepetu warajhom il-Maltin b'xuftejhom imqarrsa, b'riferenza għall-qagħda speċjali li kellha Malta bħala kolonja-fortizza fl-imperu u li, minħabba f'hekk, niesha ma tantx setgħu jitqiesu bħala poplu, imma biss bħala l-abitanti indiġeni tal-art. Ir-romantiċiżmu diżappuntat kien jitħallat fl-istess nifs ma' patrijottiżmu insulari, forsi biex jaħrab bl-immaġinazzjoni minn dak li l-ġurnal **Malta** kien isejjaħ "iċ-ċirku tan-nar u

* *DR. HENRY FRENDO, B.A., B.A.(HONS), M.A., D.Phil.(OXON), the Editor of* Storja, *teaches modern history at the University of Malta. A contributor to* Illum, It-Torċa, Il-Mument *and other sections of the local press, he is the author of a number of works on Maltese socio-political history in the 19th and 20th century. This article is the text of a Public Lecture given at the invitation of the University History Society at the* Ċentru Kulturali, *Floriana, on 3rd February 1977, and since repeated at the University, De La Salle College and elsewhere; it was also serialized, with illustrations, by the Sunday paper* It-Torċa *during June-August 1977. The list showing the various political factions, alignments and parties between 1880 and 1926, included as an appendix to this article, is based on primary sources and is being published for the first time.*

tal-azzar". Għajdud bħal "Malta piccola fior del mondo" u "La piccola isola delle grandi eccezioni" kienu jirriflettu l-mentalità — anki jekk forsi mhux tant ir-rejaltà — ta' pajjiż bħala entità **sui generis** f'relazzjoni ma' pajjiżi u popli oħrajn: gżira mediterraneja, proprjetà tal-Ingilterra, tikteb il-lingwa u tħaddan ir-reliġjon tal-ġara Italja, titkellem djalett tal-Għarab Misilmin.

Biex nibdew nifhmu xi ħaġa dwar il-ħmira li minnha tintgħaġen il-politika Maltija ma nistgħux ma nħarsux lejn tensjonijiet soċjali u rivaltajiet partiġjani **f'kuntest storiku,** vuoldiri f'kuntest li, s'issa, għadu mċajpar ħafna u jirrikjedi attenzjoni kbira u immedjata. Irridu nħarsu mhux biss lejn **il-politikanti fl-ambitu kostituzzjonali** (wara kollox, kostituzzjoni mhix biċċa karta iżda formula ħajja li tintuża u tinbidel minn min jużaha skond kif jużaha); lanqas ma rridu nqisu sempliċiment **l-ideoloġiji li jħaddnu (jew jistqarru li jħaddnu) l-partiti politiċi.** Għalkemm dawn huma fatturi indispensabbli fl-eżami ta' x'inhi l-politika, hemm ukoll fatturi oħrajn, iżjed moħbija — imma forsi iżjed rejali — li jidditerminaw x'sura tieħu l-politika Maltija. Hawnhekk nistgħu niddistingwu żewġ aspetti ta' politika li però jintrabtu ma' xulxin fil-prattika: (a) IL-POLITIKA NAZZJONALI, iġifieri l-imġieba tal-partiti fuq **il-livell amministrattiv-leġislattiv;** u (b) IL-POLITIKA PARROKKJALI, iġifieri **l-lejaltajiet u r-rivaltajiet,** ftit jew wisq emottivi jew interessati, x'aktarx personali u/jew tradizzjonali, f'naħa jew oħra f'dawk l-ibliet, subborgi, villaġġi u rħula hekk ċkejknin, marsusin u kważi-familjari bħalma kienu f'Malta u Għawdex, u fi gżejjer oħra fil-Mediterran bi klima, temperament u ħajja "fil-beraħ" bħal tagħna. Malta kienet pajjiż fqir fejn għax ir-riżorsi kienu limitati l-kompetizzjoni għalihom kienet ħarxa; kienet ukoll gżira żgħira b'popolazzjoni kbira u qegħda tikber u ssir iżjed kumplessa, u għalhekk bi problemi soċjali u kulturali altru milli negliġibbli. Ma' dan kollu kien hemm, fi ġrajjietna, fattur vitali li serva, biex ingħid hekk, bħala l-qafas li minnu u fih faqqset u istituzzjonalizzat ruħha l-mobilizzazzjoni politika u l-polarizzazzjoni partiġjana: dan kien IL-KOLONJALIŻMU INGLIŻ.

Fil-kundizzjoni soċjali li kienet fiha Malta fit-tieni nofs tas-seklu l-ieħor, wara r-Risorġiment taljan, fit-tielet ġenerazzjoni ta' Maltin influwenzati u kkundizzjonati mill-ħakma ngliża, u fi żmien l-iżvolta aggressiva u espansjonista li ħa

l-imperjalizmu ewropew, inkluż dak ingliż, is-sitwazzjoni kolonjali pproduċiet u pprovokat ċaqlieqa radikali, fuq livell politiku. L-oriġini tal-aggruppamenti partiġjani, li bdew f'din il-ħabta u komplew wara b'dożi intermittenti ta' linejarità, kien jinvolvi mhux biss konflitt akut (għad li moħbi) ta' interessi fost klassijiet u setturi differenti tal-popolazzjoni, iżda wkoll kriżi ta' valuri, ta' ġibdiet, ta' direzzjoni. Il-konfrontazzjoni nistgħu nħarsu lejha, b'mod ġenerali ħafna, taħt tlett irjus: (a) MODERNIŻAZZJONI kontra TRADIZZJONI; (b) ASSIMILAZZJONI kontra REŻISTENZA; u (ċ) DOMINAZZJONI kontra AWTONOMIJA.

F'sens iżjed ġenerali dawn it-tlett temi li tant ikkaratterizzaw il-ħakma kolonjali fostna nistgħu niġbruhom f'żewġ tendenzi ewlenin: waħda nsejħulha d-DINAMIKA KOLONJALI (=dominazzjoni-modernizazzjoni-assimilazzjoni), iġifieri l-esiġenzi u l-bidliet ikkawżati primarjament mill-okkupazzjoni ngliża u l-funzjoni ta' Malta bħala kolonja-fortizza fl-interess imperjali; l-oħra nistgħu nsejħulha l-MENTALITÀ PATRIJOTTIKA (=tradizzjoni-reżistenza-awtonomija), iġifieri s-sentiment pjuttost embrijoniku ta' nazzjonalità separata (forsi speċjalment fost in-nies edukati) u konsegwentement l-aspirazzjoni għal miżuri ta' libertà politika u konservazzjoni tal-"patrimonju" lokali bl-affinitajiet kollha li kien jimplika. Minn dawn iż-żewġ għejjun sbukkaw l-"imperjalisti" u n-"nazzjonalisti" ta' Malta u Għawdex. Fid-Dinamika Kolonjali l-emfażi kien fuq l-utilità, il-prattiċità u l-progress materjali; fil-Mentalità Patrijottika l-emfażi kien fuq il-kollettività, ċioè il-"patria", kif murija l-iżjed fil-valuri tal-borgeżija italjanizzata u anke tad-drawwiet reliġjużi popolari.

Fis-snin 70 tas-seklu l-ieħor ġara li l-gvern ingliż, li kien ilu erbgħin sena ma jagħmel inkjesta uffiċjali dwar l-affarijiet ta' Malta, inkariga tlett kummissarji ingliżi, wieħed wara l-ieħor, biex jiġu hawn u jeżaminaw l-amministrazzjoni pubblika, il-qrati, il-finanzi u l-edukazzjoni. Dawn kellhom jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet awtorevoli dwar dak li seta' jinbidel sabiex, fost affarijiet oħra, jekk jista' jkun jitneħħa kull ħjiel ta' tariffi "protettivi" mit-tassazzjoni permezz ta' tibdila radikali fis-sistema fiskali f'konformità mal-prinċipju tal-kummerċ ħieles; biex tiġi riveduta l-ispiża pubblika u fl-istess ħin biex tikber l-effiċjenza fl-amministrazzjoni permezz ta' riformi fil-proċeduri u tnaqqis fl-infieq; u biex issir

riorganiżazzjoni sħiħa fl-istituzzjonijiet edukattivi bil-għan, fuq kollox, li jitnaqqas it-tagħlim tat-Taljan u minflok jikber it-tagħlim tal-Ingliż permezz tal-istudju grammatikali tal-ilsien Malti fl-ewwel klassijiet tal-iskola. Fost dawk il-Maltin li kienu jiffavorixxu riforma fiskali f'direzzjoni progressiva kif ukoll l-intensifikazzjoni ta' edukazzjoni "ingliża" kien jispikka Sigismondo Savona (1837-1908).

Isem Savona hu marbut mal-formazzjoni ta' partiti politiċi Maltin għax dan kien, f'ċertu sens, iżjed kawżattiv fil-proċess bipartita mill-istess avversarju prinċipali tiegħu, Dr. Fortunato Mizzi (1844-1905). Kien Savona li spira l-partit riformista pro-ingliż ta' bixra liberali-utilitarja u b'hekk għen biex ikkawża r-reżistenza kompatta mmexxija minn Mizzi u sħabu wara l-1880. L-ewwel indikazzjoni tal-personalità kontroversjali ta' Savona kien l-istorbju tal-15 ta' Mejju 1878, meta ġemgħa nies garaw xi ġebliet lejn daru bi protesta kontra xniegħat dwar proġett, li miegħu kien assoċjat hu, biex titneħħa jew titnaqqas sostanzjalment it-taxxa fuq il-qamħ u tiġi sostitwita b'taxxi oħrajn. Savona kien direttament involut ukoll fir-**Reform Committee**, magħruf ukoll bħala l-**Permanent Petition Committee**, li minnu ħareġ, ftit wara, ir-**Reform Party**: dan il-"pressure group" għall-bidu kellu l-iskop li jitlob għal riforma kostituzzjonali iżda dejjem fi spirtu ta' moderazzjoni u lejaltà. Kien dan il-grupp li ħa l-inizjattiva biex jorganizza l-ewwel assemblea politika kbira fl-apert, fi Pjazza Miratore, il-Furjana, nhar it-2 ta' Lulju 1879. (Għalkemm Mr. Hesketh Hanson, qassis protestant li kien gradwat u ġurnalista residenti f'Malta, kien diġà sejjaħ xi laqgħat dwar kwistjonijiet politiċi, dawn ma kienu fl-ebda okkażjoni komparabbli mal-**meeting** tat-2 ta' Lulju li kellu xejra nazzjonali.) Savona kien kelliem prinċipali fil-**meeting**, imma fih ħadu sehem prominenti wkoll nies bħal Salvatore Cachia Zammit (1831-1918), il-kunsillier li kien kiseb l-ogħla ammont ta' voti fl-aħħar elezzjoni ġenerali, u anke l-avukat Agostino Naudi, li kien minn ta' quddiem fid-dimostrazzjoni tal-15 ta' Mejju.

Dan juri li għalkemm diġà kien hemm differenzi politiċi b'danakollu l-Mentalità Patrijottika kienet tirbaħ, speċjalment fejn kienet tidħol il-kawża fundamentali tar-riforma kostituzzjonali.

Kien fl-1880 li l-firda politika daħlet iżjed 'il ġewwa u ħadet sura partiġjana: dan ġara mhux biss għaliex l-1880

kienet is-sena ta' l-elezzjoni ġenerali, lanqas tant kemm kienu sensazzjoali l-bidliet proposti mill-kummissarji ngliżi, imma wkoll għaliex f'Ġunju tal-1880 Savona, sa dak iż-żmien deputat tal-poplu, qaleb mal-gvern billi aċċetta l-ħatra ta' Direttur ta' l-Edukazzjoni u Rettur ta' l-Università. Malli libes il-libsa tal-kollaboratur benevolenti, Savona għal darb'oħra ipprovoka eskalazzjoni fir-reazzjoni kontrih u kontra l-gvern li impjegah.

Savona kien raġel bravu u kien avvanza fil-ħajja bis-saħħa ta' inċentivi u assistenza mingħand il-militar; kien anke ntbagħat jistudja Londra bħala surmast reġimentali għal sentejn u kien ilu magħruf bħala ammiratur tal-kultura ingliża u espert Malti tal-lingwa u l-letteratura ingliża. Malli dar mal-gvern, però, beda jitlef mir-rispett li kien igawdi qabel: żgur ġibed l-eqqel stmerrija ta' parti l-kbira mill-borgesija italjanizzata.

L-hekk imsejjaħ **Partito Antiriformista** beda, permezz tal-organu ġurnalistiku **Il Diritto di Malta** taħt Dr. Ernesto Manara, ftit ġimgħat biss wara l-ħatra ta' Savona u l-waqfien tal-ġurnal ta' Savona, **Public Opinion**, li fil-pront ġie sostitwit minn ġurnal ieħor ta' kull ġimgħa, **Malta Standard**, immexxi minn ingliż (George Alfred Page). Anti-imperjalista, pro-Taljan u fl-idejal, forsi anke irredentista, **Il Diritto** esprima filosofija nazzjonalista-liberali opposta għal dik utilitarja-liberali tar-riformisti.

Fost il-kandidati li kkontestaw l-elezzjoni tal-1880 f'isem il-**Partito Antiriformista** kien hemm, għall-kostitwenza ta' Għawdex, l-avukat Fortunato Mizzi.

Il-ġlieda prinċipali, almenu fil-wiċċ, kienet, bla dubju, dwar l-hekk imsejħa "kwistjoni tal-lingwa": kwistjoni li kienet, fil-fatt, waħda ta' interessi xejn inqas milli waħda ta' drittijiet; u kwistjoni li kellha tiddetermina jekk Malta kinitx se żżomm l-italjanità mediterraneja tagħha f'kontinwità mat-tradizzjoni edukattiva-kulturali, jew inkella jekk kinitx se tinġibed lejn l-imperu ingliż u l-pajjiżi l-oħra anglo-sassoni li kienu teknoloċikament iżjed avanzati jew almenu iżjed promettenti mill-punto di vista ta' xogħol, taħriġ u negozju. F'din il-għażla kiefra bejn il-qalb u l-but, bejn il-moħħ u ż-żaqq, kien naturali li l-biċċa l-kbira tal-Maltin edukati, u speċjalment dawk li kienu proprju jaqilgħu l-għajxien tagħhom bl-użu tat-Taljan — il-lingwa tal-qrati, tal-kleru u anke tal-kummerċ — jippreferu lill-Antiriformisti, li

kienu wkoll in-nies l-iżjed kwalifikati biex jikkritikaw u jopponu lill-gvern kolonjali; mentri, għall-kuntrarju, il-biċċa l-kbira ta' dawk li kienu jiddependu għall-għajxien tagħhom mill-impiegi mat-tarzna u s-servizzi ngliżi, inklużi dawk li saru jammiraw lill-Ingilterra kulturalment, setgħu liberament jippreferu lir-Riformisti, anke għaliex dawn kienu f'posizzjoni aħjar li jagħtuhom xi ħaġa, xi benefiċċju, xi żieda, xi "promotion", u dan irrispettivament mill-kwistjoni lingwistika jew kostituzzjonali.

L-idea ta' Malta bħala nazzjon u potenzjalment stat awtonomu ħarġet bil-mod u evolviet minn — u permezz ta' — dan il-konflitt ta' disposizzjonijiet u orjentamenti; hekk kif evolviet l-istess lingwa maltija matul il-ġlieda twila bejn l-Ingliż u t-Taljan f'Malta, u permezz tagħha; u hekk ukoll evolvew il-partiti nfushom fi proċess ta' interazzjoni tali li meta tarah f'perspettiva, u tinjora r-rettorika u l-passjoni ta' ċikku l-poplu ssib li l-Maltin ma kinux u ma kellhomx għalfejn ikunu, bħala abitanti indiġeni tal-istess art maħkuma, il-bogħod minn xulxin daqskemm bdew jidhru f'għajnejn il-partitarji. Kienu, sa ċertu punt, vittmi ugwali tat-tensjonijiet li bilfors iġġib sistema kolonjali; kienu wkoll effettwati minn manipulazzjoni ta' politikanti barranin u Maltin li riedu jiksbu l-poter u li għalhekk għarfu jinqdew b'rivaltajiet parrokkjali diġà eżistenti biex ixewxu u ħafna drabi jaljenaw lill-popolin fuq piki u preġudizzji.

Hekk hu li l-Politika Parrokkjali baqgħet staġnata f'immaturità liema bħala f'relazzjoni mal-Politika Nazzjonali: dan ma setax jonqos li jkollu effett fuq il-ħsieb politiku (jew il-mankanza tiegħu) u l-istrateġija elettorali tal-partiti politiċi, li jimpurtahom, l-ewwelnett, minn kemm jiġbru voti.

Biżżejjed tħares ftit lejn il-belt kapitali biex tara x'kien hemm "minn taħt" fil-politika maltija: tal-banda **King's Own** mal-gvern, tal-banda **La Valette** kontra l-gvern (meta l-imseħbin ta' dawn il-baned huma tista' tgħid nies tal-istess klassi soċjali jew kważi l-istess); ta' San Pawl ma' dak (aktarx ma' Mizzi), ta' San Duminku ma' l-ieħor (pjuttost ma' Savona). X'kien ifisser dan kollu f'termini idejoloġiċi? Ftit jew xejn: imma s-sitwazzjoni kienet idejali biex, fuq il-bażi ta' għaqdiet u ċentri ppikati ma' xulxin, "għall-gost", tiftaħ imbagħad ġlieda fuq il-livell politiku — iżjed u iżjed meta l-gvern kolonjali kellu x'jakkwista mill-kultivazzjoni ta' bażi ta' appoġġ popolari għalih.

F'dawn iċ-ċirkustanzi ssib li l-liġijiet tas-simpatija u tal-antipatija, "ta' magħna" u "ta' kontra tagħna," jaħdmu wisq iżjed minn xi djalettika dwar il-ġlieda tal-klassi jew xi dibattitu dwar idejoloġiji politiċi: xi djalettika u x'ideoloġija tkun dik fejn tal-Arċipiergu jeħduha kontra tal-Mandraġġ, ta' Bormla kontra tal-Belt, tar-Raħal ta' Fuq kontra tar-Raħal t'Isfel, ta' San Ġorġ kontra ta' San Bastjan?

L-imġieba li sikwit tiltaqa' magħha f'sitwazzjonijiet bħal dawn tfakkrek f'dak li qal Sibbes f'kuntest ieħor, illi "opposition is bittrest betwixt those that are nearest"; tfakkrek fir-rivaltà akkanita bejn familja u oħra fl-istess belt bħal dik li ssatirizza Shakespeare f'**Romeo and Juliet** (II, ii):

..........................................................

— Deny thy father and refuse thy name;
Or, if thou wilt not, be but sworn my love,
And I'll no longer be a Capulet. —

..........................................................

'Tis but thy name that is my enemy;

..........................................................

What's Montague? it is nor hand, nor foot,
Nor arm, nor face, nor any other part
Belonging to a man ......................
............................ By a name
I know not how to tell thee who I am...

L-ironija tikber u ssir kważi tad-daħk meta tara kif, per eżempju, Mizzi u Savona kienu ġirien, joqgħodu litteralment ftit bibien 'il bogħod minn xulxin, u, jekk niġu f'dan, it-tnejn imgħammdin San Duminku.

Parti mill-**element ta' klassi** li jidher ċar fihom, u li ovvjament influwenza l-atteġġjament u l-karriera tat-tnejn, kien ġej mis-sitwazzjoni kolonjali: Savona ma kienx jilħaq fejn laħaq kieku mhux għax kien tajjeb fl-Ingliż, u ma kienx ikun tajjeb fl-Ingliż kienu ma marx jistudja Londra, u ma kienx imur jistudja Londra li kiekn mil-Liċejo ma daħalx "private" fil-**Royal Malta Fencible Artillery**. Lanqas Mizzi ma kien ikun il-mexxej tal-kawża nazzjonalista li kieku ma kienx ammiratur prim tal-kultura taljana, u forsi ma kienx ikun hekk li kieku ma sarx avukat, u ma kienx jsir avukat kieku ma kienx tajjeb fit-Taljan.

Ma rridx ngħid li mingħajr il-kolonjaliżmu ma kenux xorta waħda jqumu differenzi soċjali fuq livell politiku. Il-fatt li Mizzi kien bin maġistrat u Savona bin biljettinar

f'tejatru diġà kienet xi ħaġa tal-"klassijiet il-qodma"; imma lanqas hemm dubju li l-kolonjaliżmu aċċentwa u sfoka d-differenzi bit-tixjir ta' bandieri ta' stati barranin u bl-introduzzjoni ta' tabelli terminoloġiċi u influwenzi psikoloġiċi li rrendew il-ħajja pubbilka glieda grotteska bejn "tradituri' u "salvaturi", bejn "mixtrija" u "xewwiexa"... min idoqq it-trumbun, u min idoqq il-**bugle**, min jaħraq il-murtal u minn igħolli l-istandard.

Issa li għandna idea vaga tal-kuntest kolonjali nistgħu nħarsu ftit iżjed mill-qrib lejn il-partiti, nippruvaw naraw **is-simllaritajiet u d-differenzi ta' bejniethom** f'dak li hu **kompożizzjoni, organiżazzjoni, distribuzzjoni ta' appoġġ f'Malta u Għawdex, stili ta' tmexxija u ta' propaganda;** fuq kollox, irridu naraw kif dawn evolvew mill-bidu oriġinali tagħhom fir-Riformismo u l-Antiriformismo tas-snin 80.

L-ewwelnett irridu nżommu quddiem għajnejna li l-vot għal kulħadd hu żvilupp li ġie biss wara l-aħħar gwerra mondjali: għalhekk l-elettorat mill-1849 sal-1883 kien ta' inqas minn 3,000 ruħ; wara l-1883 l-elettorat tela' għal 10,000, inkluż eluf ta' inalfabeti li l-biċċa l-kbira minnhom ma kienu jivvutaw xejn; u fl-1921 l-elettorat reġa' żdied konsiderevolment. Dan ifisser li fil-perijodu li għandna quddiemna l-politika kienet **elitista**, imma dan mhux bilfors ifisser li kienu jieħdu interess fil-politika dawk biss li kienu intitolati għall-vot.

Malta żgħira u niesha magħrufa: kienet issir ħafna diskussjoni fuq affarijiet pubbliċi, p.e. it-taxxi, f'kafejiet u każini, u ġieli kien hemm attendenzi enormi għal dimostrazzjonijiet u **meetings** pubbliċi. L-ewwel okkażjoni grandjuża ta' din ix-xorta kienet id-dimostrazzjoni tar-rebħa antiriformista tal-4 ta' Ġunju 1884 meta l-pulizija kkalkolat li għad-dimostrazzjoni fi Strada Rjali, b'baned, torċi u bandalori, kien hemm madwar 30,000 ruħ, vuoldiri tlett darbiet iżjed mit-total ta' dawk kollha li kienu intitolati għall-vot. Dan kien ftit wara li beda t-tren (fl-1883) u għalhekk il-villaġġi kollha fuq il-linja tal-ferrovija setgħu jmorru l-Belt b'faċilità ferm ikbar minn qabel: il-ferrovija kienet, fil-fatt wieħed mill-mezzi ta' modernizazzjoni li servew, indirettament, għal politiċizazzjoni ikbar.

F'din il-konkorrenza għal manifestazzjoni politika fil-belt kapitali naraw kemm dak li kien NAZZJONALI, kif ukoll dak li kien PARROKKJALI, fil-politika Maltija. Min-naħa,

jidher ċar li l-**Partito Antiriformista** kellu, permezz tal-professjonisti u l-kleru rurali, il-ħila li jiġbed il-massa warajh f'kampanja eminentement politika, dik lingwistika-kostituzzjonali, "kontra l-gvern". Min-naħa l-oħra, jidher ukoll kemm il-massa ma kenitx tant intiża f'dik li hi politika u kemm kienet attirata minn ċelebrazzjoni kollettiva u storbjuża li kienet speċi ta' avventura gregarja minn dawk li tant jixxalaw fihom il-Maltin. Biss, hu importanti l-fatt li r-**Reform Party** kien qiegħed jitlef l-appoġġ filwaqt li l-**Partito Antiriformista** kien qiegħed kull ma jmur iżid fl-appoġġ, kemm fil-voti kif ukoll fil-pajjiż in ġenerali: kien għal din il-ħabta li l-partit beda jissejjaħ **Partito Nazionale**. Il-politikanti Maltin ftit li xejn kellhom poter; ta' kull ma jsir ħażin kien jeħel il-gvern u dawk li jidħru li jżommu miegħu (fosthom il-kapijiet tad-dipartiment Maltin li kienu fil-Kunsill); il-gvern kien ippresedut minn barranin (il-gvernatur u l-prinċipal segretarju jew logutenent gvernatur kienu Ingliżi); u għalhekk fost il-poplu kien faċli li tqajjem l-antipatija għall-gvern u s-suspett fih, iżjed u iżjed meta kien hemm fin-nofs il-kwistjoni tal-**italianità** bil-konnottazzjonijiet tradizzjonali kollha tagħha, inkluża l-konnotazzjoni denominazzjonali.

Kien hemm ukoll, in parti minħabba f'hekk, differenza ftit rimarkanti fil-**komposizzjoni tal-partiti**, għalkemm il-kap nominali tar-riformisti, Pasquale Mifsud, kien, bħal Mizzi, avukat. Ir-**Reform Party** kien qisu iżjed kollezzjoni ta' individwi u allura, fit-tmexxija tiegħu, iżjed imħallat: fost dawk minn ta' quddiem fih kien hemm ex-prim imħallef (Sir Antonio Micallef), negozjant fil-bhejjem (Francesco Saverio De Cesare, li kien ukoll ġurnalista), nobbli (l-markis Giuseppe De Piro) u resident ingliż (George Alfred Page tal-**Malta Standard**). Il-**Partito Antiriformista** kien iżjed kompatt, bi tmexxija ċċentrata fil-klassijiet tan-nofs, speċjalment avukati (Fortunato Mizzi, Zaccaria Roncali, Agostino Naudi, Giovanni Sciortino); kien hemm ukoll kanonku ta' San Pawl (E.M. Debono) u negozjant li wkoll kien prominenti fl-istess parroċċa (Carlo Maria Muscat). Minkejja t-tibdil fl-isħubija tal-partiti matul iż-żmien, l-element legali dejjem baqa' predominanti jew almenu kospikwu fuq in-naħa mizzjana.

Sal-1889, meta daħlu għall-ewwel darba d-distretti elettorali, ma tantx tista' titkellem dwar **distribuzzjoni ta' appoġġ** għal partit jew ieħor f'Malta; f'Għawdex, li kienet sa mill-

1849 kostitwenza għaliha, Mizzi kien jegħleb lil kull avversarju, meta n-nomina tiegħu kienet tiġi kkontestata.

Anke wara li bdew id-distretti elettorali, hu diffiċli li titkellem b'xi ċertezza "statistika", minħabba l-fluwidità tassitwazzjoni, is-sehem tal-personalitajiet, u t-transizzjoni li kienet għaddejja fil-partiti nfushom, imma wieħed jista' forsi jgħid b'mod ġenerali li Savona kellu appoġġ akbar fil-Kottonera milli kellu Mizzi, filwaqt li Mizzi kellu appoġġ akbar filkampanja u s-subborgi milli fl-ibliet, għalkemm il-belt Valetta — minkejja "floating vote" qawwi rigward personaitajiet — kienet nazzjonalista, tant li Faurè, fl-istorja popolari tiegħu, jirreferi għal "partit tal-Belt."

Il-politika tal-personalitajiet kienet tgħallem: per eżempju, Monsinjur Ignazio Panzavecchia (1855-1925) u anke l-avukat Alfredo Mattei kienu popolari bħala sengleani, għalkemm fil-Kottonera kien hemm, l-iżjed minħabba t-tarzna, proletarjat inċipjenti li kien jara fl-okkupazzjoni ngliża l-mezz ta' għejxien u sigurtà, anke jekk kien jistmerr iddiskriminazzjoni fil-pagi u trattament inferjuri: hawnhekk il-lingwa taljana kienet barra minn postha. F'Valletta, għallkuntrarju, kien hemm iċ-ċentru amministrattiv, legali, kummerċjali u rikrejattiv, b'sotto-proletarjat sħiħ madwaru.

Ebda partit ma kien organizzat wisq, imma kull wieħed kellu **biżżejjed organiżazzjoni biex ikun identifikabbli** bħala partit u jikkontesta l-elezzjoni: ċioè kap, kumitat (formali jew informali) u organu ġurnalistiku għall-propaganda. Fl-1887 Savona irriżenja minn mal-gvern, ħa r-**Reform Party** taħt idejh u beda joħroġ mill-ġdid il-**Public Opinion**, il-gazzetta li kellu qabel; f'nofs is-snin 90 il-partit tiegħu beda wkoll organu effettiv bil-Malti, **Malta Tagħna**: din il-gazzetta sensazzjonali antiċipat bi ftit snin l-ewwel organu bil-Malti tal-P.N., **Il Poplu Malti**, fil-bidu nett ta' dan is-seklu. Id-**Daily Malta Chronicle**, tal-familja Bartolo, li beda fl-1887, kien aktarx favur il-gvern milli marbut ma' xi partit partikolari; dan sar iżjed sinifikanti wara l-ewwel gwerra mondjali meta Dr. Augusto Bartolo, bin il-fundatur tiegħu, ħareġ għall-politika u ingħaqad mal-partit tal-Konti Gerald Strickland (1861-1940). Mill-1883 'il quddiem l-organu prinċipali nazzjonalista kienet il-gazzetta ta' kuljum **Malta**, imwaqqfa u editjata minn Fortunato Mizzi: fit-13 ta' Marzu 1902 dan il-ġurnal beda jsejjaħ lilu nnifsu "Organo del Partito Nazionale". Il-ġurnali huma importanti għaliex ħafna mill-għawi

partiġjan kien jirrifletti l-battalja fil-ġurnali. F'dak li hi organiżazzjoni ġenerali, il-P.N. kien pijunier: fl-1885 kellu żgur kumitat eżekuttiv — is-segretarju tiegħu kien iż-żagħżugħ Benoit Xuereb; fl-1886/1887 kellu dak li, sa fejn naf jien, kien l-ewwel każin ta' partit politiku f'Malta, iċ-Circolo Fortunato Mizzi fil-belt — is-segretarju tal-każin kien Eliodoro Barbaro. Wara l-kisba tal-Gvern Risponsabbli fl-1921, kien Strickland — milord sinjur — li ħa l-inizjattiva organiżżattiva u propagandistika, imma anki l-partiti l-oħrajn kollha bdew jorganiżżaw ruħhom aħjar in vista tal-fatt li issa setgħu jiksbu poter effettiv b'mandat popolari u mhux biss, bħal qabel, iparlaw, jittamaw u jikkwistjonjaw.

Forsi l-iżjed aspett intriganti u diterminanti fl-appell tal-partiti lokali kien **l-istil ta' tmexxija** li dawn kienu joffru. Mizzi u Savona kienu tipi differenti u żgur ma setgħux jappellaw bl-istess intensità għall-istess nies: wieħed l-avukat jipperora l-kawża, l-ieħor is-surmast jiddetta l-lezzjoni, wieħed italjanizzat, pjuttost argumentattiv fl-indirizz tiegħu, l-ieħor ingliżizzat, impekkabbli bit-tomna u s-surtan u jmur għal **meeting** b'karrozzela tal-par. Imma t-tnejn, mod jew ieħor, Maltin imqaxxra, għax ridt tkun Malti biex tivvinta stratagemma karnivaleska (imma effettiva) bħal dik ta' Mizzi għal elezzjonijiet "ridikoli" u "infami", kif ġara fis-snin 80 meta nies ċarlatana u ta' kondotta ħażina ġew eletti fil-Kunsill tal-Gvern bl-iskop li jostruzzjonawh u jattiraw l-attenzjoni ta' Londra għall-istat kostituzzjonali tal-kolonja; jew ridt tkun Malti biex tagħmel tejatrin pubbliku bħal Savona bil-baned fil-**meetings**, illum jippreżenta xi standard, għada jagħmel ħuġġieġa minn xi gazzetta avversarja u anke, bilkunsens tal-Monsinjur Panzavecchia, jaħlef pubblikament fuq kruċifiss li jsegwi l-programm tal-partit, fost l-eċċitament tal-folla fidila, kif ġara fl-1895 meta Savona u Panzavecchia waqqfu l-**Partito Popolare**.

B'danakollu kien hemm mumenti meta l-partiti qablu bejniethom u kkoperaw flimkien, hekk kif kien hemm żmenijiet meta qalbu s-sehem tagħhom u prattikament ittrasferewh lil xulxin, immodifikaw u biddlu l-impronta tagħhom u, mingħajr ma ammettew, u forsi mingħajr ma ntebħu, influwenzaw wieħed lill-ieħor, kif, wara kollox, ġeneralment jagħmlu l-partiti politiċi kull fejn jeżistu, fil-gvern jew fl-oppożizzjoni.

**Jekk** taraw l-iskeda li qiegħed nippreżenta biex nindika

kif bdew u żviluppaw l-allinejamenti partiġjani ewlenin f'pajjiżna, issibu li kien hemm iżjed minn okkażjoni waħda fejn saret fużjoni ta' fazzjonijiet u partiti, hekk kif kien hemm ukoll okkażjonijiet meta partit inqasam f'fazzjonijiet, ingħaqad u inbidel fl-isem, iżda imbagħad, wara ftit snin, reġgħu ħarġu d-differenzi u l-fazzjonijiet bħal qabel. Fil-waqt li hemm **tendenza qawwija għal sitwazzjoni bipartita**, hemm ukoll **tendenza għall-għaqda nazzjonali** fi żminijiet ta' kriżi.

Iċ-ċentri l-iżjed fissi ta' **polarizzazzjoni** kienu, naturalment, fuq naħa l-gvern kolonjali u fuq in-naħa l-oħra l-oppożizzjoni nazzjonalista, però dan ma jfissirx li l-istess partit **dejjem** kien l-iżjed wieħed kontra l-gvern, jew inkella l-istess partit **dejjem** kien l-iżjed wieħed favurih. Minkejja li kien hemm simpatija kulturali u attrazzjoni politika lejn l-Ingilterra jew l-Italja f'naħa u oħra, il-politika partiġjana ġieli nbidlet sostanzjalment b'manjiera li kienet tirrifletti x-xewqa ta' partit jew ieħor li jikseb, iżomm jew ikabbar, kif jista', l-influwenza tiegħu fuq il-gvern. U dan kien jiġri diġà, minnatura tal-affarijiet, meta ma kien hemm ebda istituzzjonalizazzjoni tat-trasferimenti ta' poter minn partit għall-ieħor permezz ta' sistema parlamentari. Fl-attentat biex issib **x'linejarità hemm fl-evoluzzjoni tal-partiti rispettivi**, trid iżżomm quddiem għajnejk li għalkemm il-lejaltà, il-ġibda partiġjana tista' tibqa' fil-partitarju akkost tad-disgwid u l-intriċċi tal-politika, il-partiti xorta jinbidlu, u jistgħu jinbidlu ħafna skond iċ-ċirkostanzi u min ikun imexxi. Il-partit jista' jinbidel anke jekk jibqa' bl-istess isem, u jista' jibqa' identifikabbli avolja jbiddel ismu. L-ismijiet u r-rettorika iqarrqu bik, speċjalment fil-qasam politiku partiġjan: trid tħares lejn id-**distribuzzjoni tal-poter** bejn gvern u poplu, bejn partit u ieħor. L-iskeda li qiegħed nippreżenta hawnhekk turi kif, anke qabel ma ksibna l-Gvern Risponsabbli fl-1921, diġà kien hemm kambjamenti fid-distribuzzjoni tal-poter bejn partit u ieħor: kien hemm **suċċessjoni alternanti** fis-sehem tal-partiti versu l-gvern, daqqa jippredomina wieħed, daqqa jippredomina l-ieħor. Hekk naraw kif matul is-snin 1880-1887, waqt li Savona kien uffiċjal governattiv, il-partit ta' Mizzi kiber tant li fl-1887, meta Savona kkontesta l-elezzjoni bħala kap tar-**Reform Party**, il-P.N. rebaħ is-siġġijiet kollha. F'dan iż-żmien il-P.N. kien stinka għal riforma kostituzzjonali: u fl-1887 ġie l-Gvern Rappreżentattiv li per-

mezz tiegħu, għall-ewwel darba, id-deputati eletti kellhom maġġoranza fil-Kunsill tal-Gvern u tlieta minnhom setgħu anke jkunu membri tal-Kunsill Eżekuttiv. Minħabba f'hekk il-P.N., li qabel kien kontra l-gvern, ħa ftit hu stess il-qagħda ta' partit "fil-gvern" għax għall-ewwel beda jikkollabora bis-sħiħ mal-gvern u, f'ċerti affarijiet, seta' jeżerċita influwenza diretta fuq l-amministrazzjoni. Mizzi u l-Konti Strickland (li kien ikkontesta l-elezzjoni b'suċċess bħala kandidat tal-P.N.) kienu fost dawk maħtura fil-Kunsill Eżekuttiv; u wara Strickland għamel bħal Savona qablu u qaleb malgvern tant li laħaq Segretarju Prinċipali tal-Gvern. Savona, li kien irriżenja minn mal-gvern u ried jikseb lura l-poter, ra lil fejn kien qiegħed jonfoħ ir-riħ u dar kontra l-gvern li qabel kien parti minnu, u sar, b'mod speċjali, għadu ta' Strickland, li tant seta' jitqabbel miegħu kemm f'dik li hi influwenza ingliża f'edukazzjoni u orjentament kif ukoll f'dik li hi politika kollaboratriċi. Meta ra dan Mizzi irriżenja millKunsill imma l-partit tiegħu baqa' favorevolment dispost lejn il-gvern għal xi snin, mentri Savona, li qabel kien oppona l-għoti ta' Gvern Rappreżentattiv, issa ħa l-offensiva bit-talba għal Gvern Responsabbli. Hekk naraw kif mhux biss il-partiti alternaw fil-poter — mill-"oppożizzjoni" għall-"gvern", mill-"gvern" għall-"oppożizzjoni" — iżda anke kif influwenzaw wieħed lill-ieħor fl-impronta politika, u dan meta t-tnejn kienu għadhom bl-istess mexxejja u ftit jew wisq bl-istess laqmijiet. Il-partiti ma setgħux għajr jinfluwenzaw lil xulxin — huma lill-eletturi, u l-eletturi lilhom — għaliex kienu organiżmi politiċi joperaw fl-istess ċirku, f'soċjetà waħda u żgħira; kellhom ukoll, ftit jew wisq, problema komuni: kif se jikkontrollaw lill-gvern, li seta' ma jagħti kont lil ħadd, u kif se jkabbru l-appell tagħhom mal-poplu.

Il-**politiċizazzjoni** li beda l-partit ta' Mizzi fis-snin 80 ġiet intensifikata fis-snin 90 mill-partit ta' Savona, hekk kif fil-bidu ta' dan is-seklu, meta Savona kien irtira, din reġgħet tkabbret u tferxet meta Mizzi ħa f'idejh, u nistgħu nibqgħu sejrin hekk f'veduta tal-politika bħala mewġa fuq l-oħra fl-istess ilma. Fis-snin 80 kienet il-lingwa li heġġet lill-eletturi, fis-snin 90 kienet ir-reliġjon li nkwetat il-popolin, f'tarf is-seklu kienu t-taxxi, wara l-1903 b'mod speċjali, kienet il-kostituzzjoni għaliex il-Gvern Rapreżentattiv ġie revokat u sostitwit b'kostituzzjoni reazzjonarja: anke wara l-kisba tal-Gvern Responsabbli fl-1921 il-problemi prinċipali tista' tgħid

li kienu l-lingwa, ir-reliġjon, u l-kostituzzjoni, almenu għal bosta politikanti.

**Ideoloġikament** il-partit Savonjan u l-partit Mizzjan donnhom resqu lejn xulxin iżjed ma għadda ż-żmien: aktarx li l-iżjed fattur li kien jiddistingwihom kien l-atteġġjament lejn il-funzjoni tal-lingwa ingliża u taljana. Is-Savonjani (u warajhom l-Istricklandjani u l-Laburisti) kienu favur li tkun imgħallma l-lingwa Maltija fl-iskejjel. Differenzi oħrajn, per eżempju dwar politika fiskali, kienu mmoderati biż-żmien u, sa ċertu punt, anke ittieħdu minn kunsillieri fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk id-differenza primarja bejniethom baqgħet, fuq il-livell ideoloġiku, dik ta' disposizzjoni lejn il-presenza ingliża f'Malta u konsegwentement lejn l-aspirazzjoni għal xi futur differenti, imma b'danakollu xorta waħda riedu jappellaw fuq kollox għas-sentimenti popolari u għalhekk l-iħfef u l-iqsar triq għat-tnejn kienet li jippreżentaw tgħassida ta' "patra u reliġjon" — **amor patriae religio est** — imma bi prijoritajiet differenti f'ċerti aspetti minuri, u, ċertament, b'appelli kuntrastanti f'dak li kellu x'jaqsam ma' indirizz partiġjan lejn l-awtorità, il-poter, u l-massa.

Minħabba li l-gvern kien wieħed stranġier, iċċentralizżat, burokratiku, iħares l-ewwelnett lejn il-fortizza u l-gwarniġjon, il-qasma bejn kollaborazzjoni u reżistenza kienet profonda: biex tinstema ridt tgħajjat b'kemm kellek garġi għax il-vuċi riedet twassal sa Londra, jew almenu sa Ruma. F'dan l-istat isteriku, fejn il-poplu qisu ma kien igħodd għal xejn ħlief biex jaqla' x'jiekol billi jakkomoda l-interessi tal-gvern, ftit seta' jkun hemm evoluzzjoni razzjonali u programmata; fi kliem ieħor, it-tattika kienet iżjed neċessarja mill-ideoloġija, tneħħi t-tigħbid fl-aċċettazzjoni tal-Mentalità Patrijottika. Hekk hu kif il-ġibda patrijottika għall-għaqda nazzjonali, għal front komuni, minħabba s-saħħa sproporzjonata tal-gvern versu ċ-ċittadin, kienet kultant tirbaħ fuq il-ġibda naturali lejn il-partiti, (għax kull fejn hemm il-ħajja hemm id-differenzi u interessi konfliġġenti). F'dan id-dawl tifhem kif Mizzi, fl-1891, wasal biex aċċetta li jitla' fuq il-palk waqt **meeting** pubbliku u jieħu b'idejn Savona. Hekk sar, f'żewġ **meetings** kbar wara xulxin, il-**Partito Unionista**, f'mument meta l-gvern kien qiegħed jhedded li jikser sfaċċatament il-kostituzzjoni. Il-**Partito Unionista** malajr kien siġillat, għal ftit żmien, bl-atroċità tas-**Sei Maggio** (1891) meta l-pulizija maltin, kif ri-organizzati mill-amministrazzjoni Strickland,

użaw il-lembubi għall-ewwel darba, u kien hemm saħansitra xi torturi ta' wħud mid-dimonstranti arrestati; però l-partit il-ġdid ma kampax u wara sentejn ħarġet bħal qabel ir-rivalità bejn mizzjani u savonjani. L-istess ġara, almenu sa ċertu punt, lill-**Partito Popolare**, li wkoll twaqqaf minn Savona f'assoċjazzjoni ma' personalità politika oħra, din id-darba Panzavecchia, iżda lanqas dan ma dam wisq. Il-**Partito Popolare** kien fl-aqwa tiegħu matul l-hekk imsejħa "kwistjoni tażżwieġijiet" li, bħall-kwistjoni tal-lingwa u tal-kostituzzjoni qabilha u warajha, tat skussatura oħra għal mobilizzazzjoni politika ta' natura popolari. Qanqlet, mill-ibgħad irkejjen tal-gżejjer, lil eluf ta' raħħala u kampanjoli, flimkien mannies tal-ibliet — irġiel u nisa — l-iżjed bis-saħħa tal-involviment tal-kleru kważi kollu, b'mod partikolari l-ġerarkija ekkleżjastika, fil-biża' miż-żwieġ ċivili u xi miżuri arbitrarji da parti tal-parlament ingliż rigward ftehim mal-Vatikan li kien sar qabel. Imma din il-kwistjoni serviet ukoll biex għal darb'oħra temfasizza d-differenzi li kien hemm bejn il-**Partito Nazionale** ta' Mizzi u l-**Partito Popolare** ta' Savona u Panzavecchia: wieħed iżjed legalistiku, sekulari u dinjituż, l-ieħor iżjed populista, klerikali u fanatiku.

Wara l-irtirar ta' Savona mix-xena politika fl-1898, Mizzi bħala kap tal-P.N. żamm l-oppożizzjoni anti-stricklandjana magħquda billi ġabar wrajh elementi savonjani u panzavecchjani fil-ġlieda kontra l-amministrazzjoni Strickland, amministrazzjoni li fiha kienet tinkorpora l-ifjen konċentrament tad-Dinamika Kolonjali (dominazzjoni-modernizzazzjoni-assimilazzjoni). Hekk fl-1901, fl-eqqel tal-imperjaliżmu ngliż, kien imiss issa lill-partit ta' Mizzi li jirkeb fuq dak li ħalla warajh Savona u jifrex il-messaġġ politiku mal-pajjiż kollu b'kumitati u sotto-kumitati u permezz ta' **meetings** kbar daqs dawk ta' żmien il-kwistjoni politiko-reliġjuża ta' ftit snin qabel, għalkemm żgur f'sitwazzjoni inqas favorevoli peress li Strickland kien ipprojbixxa l-laqgħat pubbliċi fl-ibliet ta' Malta. Fil-proċess biex jinħarġu n-nies minn djarhom għal manifestazzjonijiet pubbliċi anti-governattivi taħt sistema iżjed ripressiva kien jinħtieġ mill-ġdid it-twaħħid tal-Politika Parrokkjali mal-Politika Nazzjonali; hekk ukoll naraw kif partit wara l-ieħor kien qiegħed igħin fl-iżvilupp ta' kuxjenza nazzjonali billi jagħmel liċ-ċittadini jagħrfu xi ftit x'kienu u x'setgħu jkunu d-drittijiet tagħhom f'konfront mal-gvern.

Taħt is-suċċessur ta' Mizzi, il-prokuratur legali Francesco Azzopardi, la l-P.N. u lanqas l-**Associazione Politica Maltese** (li kienet saret biex tipprova tifforma speċi ta' gvern alternattiv għal dak effettiv), ma setgħu jibqgħu jgawdu l-istima ta' qabel. It-tort ma kienx kollu ta' Azzopardi għaliex apparti l-fatt li Strickland kien telaq meta fl-aħħar laħaq gvernatur f'kolonja oħra, x'seta jsir meta għal sena wara l-oħra l-gvern ma kien jippermetti ebda partiċepazzjoni f'deċiżjonijiet ta' interess pubbliku sakemm l-oppożizzjoni ma toqgħodx għall-kundizzjonijiet despotiċi tiegħu? Fl-assenza ta' rivoluzzjoni, din kienet is-sitwazzjoni li tkattar il-mentalità tipika tan-"nejja jew maħruqa", ċioè, tal-"moderat" u l-"estremist": dak li jkun lest jagħmel il-kompromessi u forsi jiggwadanja xi ħaġa u l-ieħor li ma jċedix u jibqa' jgħid "le" akkost ta' kollox. Ta' din ix-xorta kienet il-firda fil-P.N. bejn l-Azzopardjani u l-Mizzjani fl-1910 u wara. Fuq naħa, kien hemm dawk, bħal Azzopardi, it-tabib Filippo Sceberras u l-avukat Arturo Mercieca, li mill-mitluf xtaqu jieħdu li jistgħu. Minnaħa l-oħra, kien hemm nies bħal Dottor Giuseppe Mizzi — bin Fortunat, frisk frisk mill-istudji tiegħu f'Ruma — li ma riedux jidħlu jew ikunu nominati għall-Kunsill qabel ma tingħata lura l-kostituzzjoni rappreżentattiva. Din kienet, fil-verità, il-politika "astensionista" li kien segwa u rrakkomanda Fortunato Mizzi innifsu wara r-revoka tal-Gvern Rappreżentattiv fl-1903. Hekk kienu jaħsbuha wkoll benjamini panzavecchjani bħat-tabib Andrè Pullicino u Antonio Dalli, li xejn ma kellhom simpatija ma' Azzopardi.

Proprju minn din il-firda reġa' tfaċċa l-attentat għal fuzjoni fis-sura tal-**Comitato Patriottico**, taħt il-presidenza tal-Monsinjur Panzavecchia. Il-**Comitato Patriottico**, li dam tista' tgħid sa tmiem il-gwerra, għaqqad fih elementi Nazzjonali u Popolari, tant li kultant issib riferenzi għalih bħala l-Partit Popolari u kultant, x'aktarx iżjed spiss, bħala l-Partit Nazzjonali. Apparti dan il-**Comitato**, kien hemm elementi oħrajn, inqas organizzati u allura mhux tant attivi politikament, li forsi nistgħu nsejħulhom neosavonjani, bħal Cesare Darmanin u l-perit Francesco Wettinger (savonjani li wara segwew lil Mizzi u lil Panzavecchia), jew addirittura stricklandjani indipendenti, iġifieri anglofili ad oltranza, progressisti u anti-nazzjonalisti fl-istess ħin, nies bħal Dr. Giorgio Borg u Dr. Augusto Bartolo tal-**Chronicle**.

Sal-1921, meta sar riallinejament definittiv tal-forzi par-

tiġjani għall-ewwel elezzjoni taħt il-kostituzzjoni l-ġdida, kienu diġà inqalgħu divergenzi fil-kamp Nazzjonali-Popolari. Kien hemm, fuq kollox, l-entrata tal-avukat Enrico Mizzi (1885-1950) li, waqt li kien għadu jistudja l-Italja qabel il-gwerra, kien issogra jesprimi soluzzjoni irredentista għal Malta. Fil-każ ta' Mizzi ż-żgħir Għawdex reġa' spikka bħala distrett mizzjan bi ħġaru u minkejja ħafna akkużi Mizzi malajr stabilixxa hawnhekk bażi ta' appoġġ għalih tant li, kif uriet l-elezzjoni tal-1921, kien iħabbatha sewwa mal-appoġġ li rnexxielu jikseb Strickland fid-distrett tiegħu, ukoll distrett primarjament rurali u agrikolu. Fis-sena tal-qorti marzjali ta' Mizzi, fl-1917, nistgħu ngħidu li kienet tidher diġà l-firda, li ħarġet aħjar wara l-1921, u li baqgħet almenu sal-1926, dik bejn l-element mizzjan, jew Nazzjonali, u l-element panzavecchjan, jew Popolari.

Is-sorpriża l-kbira ta' wara l-ewwel gwerra kienet ir-ritorn tal-Gvernatur Strickland, li mill-ġdid ippolarizza bis-sħiħ lin-naħa imperjalista, b'bażi fl-aristokrazija u "l-klassijiet il-ġodda", u lin-naħa nazzjonalista, b'bażi fil-borġeżija italjanizzata u "l-klassijiet il-qodma". Kiber l-estremiżmu fuq iż-żewġ naħat u kien hemm anke inċidenti żgħar ta' vjolenza politika. L-avveniment l-ieħor importantissmu ta' wara l-ewwel gwerra kien, bla dubju, is-**Sette Giugno**, li mhux biss ħaffef l-għotja tal-Gvern Risponsabbli iżda ta wkoll spinta konsiderevoli lill-moviment tal-ħaddiema. Mill-**Assemblea Nazionale**, li ħadmet pjuttost kordjalment għall-Gvern Responsabbli, kienu ħarġu sal-1921 erba' partiti politiċi li meta tisma x'kienu faċilment titfixkel u taħseb li qiegħed tigħx xi nofs seklu qabel: dawn kienu l-partit ta' Strickland, f'assoċjalizzjoni mal-avukat Augusto Bartolo (imsejjaħ il-CONSTITUTIONAL PARTY); il-partit ta' Mizzi, li din id-darba kkontesta biss għal Għawdex (imsejjaħ il-PARTITO DEMOCRATICO NAZIONALISTA); il-partit ta' Panzavecchia, il ovvjament kien l-ikbar u l-iżjed wieħed stabbilit (imsejjaħ il-PARTITO POPOLARE jew UNIONE POLITICA MALTESE); u l-partit ta' Savona: fi kliem ieħor, LA CAMERA DEL LAVORO li minnha ħareġ il-LABOUR PARTY, kellha bħala l-ewwel mexxej tagħha lil bin Sigismondo Savona, il-kurunell u avukat Willie Savona (1868-1937), li bħal missieru kien għamel karriera fil-militar u wara taha għall-politika. Għalkemm Mizzi ż-żgħir u Savona ż-żgħir żgur kienu persuni differenti minn missirijiethom, dan juri kemm il-politika

kienet baqgħet elitista, minkejja ż-żieda fin-numru ta' elettu-ri, u juri wkoll kif u kemm r-rivaltajiet familjari u l-politika tal-personalitajiet, kienu qawwija fil-partiġjaniżmu lokali. Imma lanqas irridu ninsew lill-massa bla isem u bla krettu, lil dawk li l-politikanti l-ħin kollu jsejjħu "l-poplu", lil dawk li mingħajrhom ma jistax ikun hemm "il-patria", ċioè il-maġġoranza "siekta" (fi kwalunkwe pajjiż), u li issa bdew iqumu ftit fuq tagħhom speċjalment permezz tal-estensjoni tal-vot f'sistema parlamentari u tal-formazzjoni wara s-**Sette Giugno** ta' għaqdiet tal-ħaddiema proficjenti. M'hemmx dubju li l-klassi tal-ħaddiema kienet baqgħet, jekk mhux minsija għal kollox, żgur sottomessa u daqstant ieħor sekon-darja għall-għlieda kostituzzjonali, u għall-fanatiżmu partiġ-jan li hi stess tant kienet kompliċi fih.

Data sinifikanti ħafna, fl-istorja tal-partiti, kienet l-1926 meta fl-istess xahar tal-istess sena, ħarġu mill-ġdid, bħal fl-1880, żewġ allinejamenti prinċipali: dik, biex insejħulha hekk, savonjana-stricklandjana, soċjal-imperjalista, permezz tal-"compact" bejn il-**Constitutional Party** u l-**Labour Party**; u dik, biex insejħulha hekk, mizzjana-panzavecchjana, kon-servattiva-patrijottika, permezz tal-"fuzjoni" bejn il-**Partito Popolare** jew **Unione Politica Maltese** u l-**Partito Democratico Nazionalista.**

F'dan ir-riallinejament milli jidher l-iżjed żewġ partiti li tilfu mill-identità u l-emfażi partikolari tagħhom kienu l-**Labour Party** u l-**Partito Democratico Nazzionalista**, li fil-fatt kienu l-iżjed tnejn viċin ta' xulxin fil-programmi elettorali, fis-sens li kienu l-iżjed tnejn diposti li jadottaw xi politika radikali, anke fil-qasam soċjali. Ġara però li wieħed ġie kważi għal kollox assorbit minn Strickland (li kien kapitalist im-perjalista) tant li fl-1932 it-tabib Paul Boffa kien l-uniku kandidat tiegħu elett, mentri l-ieħor ġie tista' tgħid assorbit u żgur influwenzat ħafna mill-klerikaliżmu popolari u l-kon-servattiviżmu soċjali tal-elementi panzavecchjani, tant li Mizzi dam ma ħa l-partit f'idejh għal żmien twil.

Sadanittant baqgħet tifforma d-djalettika bejn Dinamika Kolonjali u Mentalità Patrijottika fil-kuntest soċjo-psikolo-ġiku lokali. Imma l-bidla, sa fejn setgħet issir, kienet akarx stagnata jew sfurzata sakemm baqgħet **l-inċertezza fil-qasam kostituzzjonali:** bil-gvern ingliż ma jimpurtahx mill-veduti tal-maġġoranza tal-elettorat jekk dawn, skond hu, ma kinux fl-interess imperjali u allura ta' Malta stess (is-sospensjoni

tal-Gvern Risponsabbli fl-1930 u r-revoka tiegħu fl-1933 huma xhieda biżżejjed ta' dan). Bqajna bil-manija lingwistika-kulturali-psikoloġika, it-tixjir ta' bandieri mhux Maltin, **il-karba għal żewġ ommijiet li ma jwelldux**; bil-piki u l-preġudizji tal-**kampaniliżmu** ta' min ma jarax 'il bogħod iżjed miz-zuntier u l-każin, u tal-**klijentiliżmu**, ta 'min ma jarax 'il bogħod iżjed mill-obbligu u l-intriċċ. Bil-persuna fi ġlieda mal-prinċipju, l-interess fi ġlieda mar-raġuni, il-parroċċa fi ġlieda man-nazzjon, in-nazzjon fi ġlieda mal-imperu, baqgħet l-istess firda infatwata, aċċentwata mill-isfukar u l-kuntradizzjonijiet inerenti fil-qagħda kolonjali, mingħajr ebda integrazzjoni radikali ta' interessi reċiproċi u d-diskussjoni matura ta' prijoritajiet soċjali u nazzjonali.

Tista' tara **l-aspetti pożittivi tal-kolonjaliżmu ngliż** f'Malta billi tħares lejn il-moderniżazzjoni, speċjalment filqasam teknoloġiku: titjib sanitarju, bħad-drenaġġ; komunikazzjoni aħjar, bħall-ferrovija; faċilitajiet navali u merkantiti moderni, bħall-**breakwater** u d-**dry docks**; fil-qasam amministrattiv, legali u edukattiv, proċeduri iżjed effiċjenti millat organizattiv u, ġeneralment, forsi sens aħjar ta' ko-ordinament fil-ħajja pubblika, inkluż sens ta' dixxiplina, mhux biss f'oqsma militari. Imma qabel ma tfaħħar jew tiskuża, trid tiddistingwi t-teknoloġija mill-kultura, iċ-ċentralizazzjoni mill-effiċjenza, il-kummerċ ħieles mill-kapitaliżmu individwalista, ix-xjenza mill-ambjent, id-dixxiplina mis-serviliżmu u r-reġimentazzjoni, mill-pappagalliżmu l-edukazzjoni u l-edukazzjoni mil-lingwa. Għaliex filwaqt li min xtaq iżomm mal-gvern kellu x'jappoġġja, speċjalment jekk kien jara lill-Ingliżi jipprovdulu x-xogħol u jonfqu l-flus hawnhekk, b'danakollu l-kolonjaliżmu anke għalih — u forsi speċjalment għalih — kien biss il-ħobż għal min m'għandux, u ma jħossx jew ma jirrejalizzax li għandu għeruq f'artu, fost niesu, li għandu l-mod ta' għajxien tiegħu, li artu ma setgħetx tappartjeni lil pajjiż ieħor u titmexxa minn eluf ta' mili bogħod fl-interess ta' pajjiż li jaħkem fuq inħawi oħra taddinja, u titmexxa hekk — bħala pont tal-imperju fuq il-linja lejn is-subkontinent indjan — minn nies li, għalkemm biżżmien ħafna Maltin saru jirrispettawhom u anke jħobbuhom, kienu, fir-rejaltà, poplu differenti għal kollox mill-Maltin. Il-Maltin u l-Ingliżi f'Malta kienu żewġ razez: b'sura, temperament, reliġjon, atteġġjament u drawwiet tant differenti, u fi stat ta' inugwaljanza assoluta. Il-kolonjaliżmu kien ħażin

mill-qiegħ imma fi gżira żgħira u fqira, li niesha kienu raw suċċessjoni interminabbli ta' dominazzjonijiet, dan sab art fertili għall-applikazzjoni tiegħu. Il-kolonjaliżmu ingliż kien sottili biżżejjed biex igħammex għajnejn eluf ta' ħaddiema indiġeni bl-illużjoni li l-paga fl-aħħar tal-ġimgħa kienet biżżejjed biex tagħmilhom bnedmin. Hekk qarraq bil-massa tant li din setgħet tiddefendih kontra min opponih, u, fost dawk li opponewh, kien hemm ukoll uħud li kienu lesti jintefgħu tant l-umbrella ta' imperjaliżmu ieħor, hekk kif għamlu l-Maltin fl-1800, meta wara li mietu biex jeħilsu minn ħakkiem barrani fil-pront stiednu ieħor sabiex jipproteġihom... Minkejja l-konsegwenzi pożittivi ta' despotiżmu benevolenti — li għen direttament u indirettament għal politika li kienet influwenzata fl-istituzzjonijiet "tagħna" mid-demokrazija parlamentari ngliża — u minkejja wkoll l-ammont ta' kollaborazzjoni u ammirazzjoni għalih fost dawk li l-iżjed influwenzaw ruħhom mill-kultura tal-metropoli amministrattiva, jibqa' l-fatt innegabbli li Malta għall-Ingilterra kellha qabel xejn skop ta' kolonja-fortizza — lanqas ta' kolonja ordinarja — u li għalhekk il-politika kienet ġeneralment suġġetta għall-interessi imperjali. Minħabba f'dan, ħafna mill-benefiċċji li rriżultaw kienu, essenzjalment, **accidentali jew sfurmati.** Taħt dawn il-kundizzjonijiet — meta saħansitra kostituzzjoni tingħata u titneħħa kif ġieb u laħaq — bilfors kienet tinħass qawwija **x-xenqa għall-libertà** u allura problemi soċjali, kulturali u ekonomiċi ġew suġġetti għaliha, probabbli wisq iżjed milli kien jiġri f'ċirkustanzi iżjed normali. Il-problema prinċipali kienet, mela, kif tikseb il-libertà, u mhux x'tista' tagħmel biha. Fuq kollox, però, il-kolonjaliżmu ngliż kien **forza diviżiva** li sposta r-relazzjonijiet tan-"natives" ma' xulxin. Ironikament, kien ukoll **forza li tgħaqqad** għaliex il-Maltin, partiġjaniżmu apparti, kellhom fattur komuni fli kienu poplu b'karatteristiċi differenti ħafna minn dawk tar-razza governatriċi: kellhom identità għalihom, kienu Maltin, għalkemm mhux kulħadd wasal biex japprezza dan bl-istess ħeffa jew sensittività.

Kif osserva (per eżempju) Shils f'**Political Development in the New States**, (Mouton, 1966), l-istess mexxejja u gruppi li jippretendu li jirranġaw l-affarijiet sikwit ikunu, bla ma jafu, prodotti tas-sistema kolonjali li magħha dejjem kellhom iħabbtu wiċċhom fl-imgħoddi, u li fiha, u taħta, kienu mdorrijin jaħdmu; u allura mhux għalkemm tgħib f'daqqa waħda

# SKEDA ORIGINALI LI TINDIKA KIF BDEW U ZVULUPPAW L-ALLINEJAMENTI PARTIGJANI EWLENIN TA' PAJJIZNA (1880-1926)

Ismijiet ta' Fazzjonijiet u Partiti fuq in-naħa tax-xellug iġifieri "Moderates" versu r-Reġim Kolonjali u/jew versu l-Fazjoni jew il-Partit l-ieħor: ismijiet ta' Fazzjonijiet u Partiti fuq in-naħa tal-lemin iġifieri "Extremists" versu r-Reġim Kolonjali u/jew versu l-Fazjoni jew il-Partit l-ieħor.

**1880**

REFORM PARTY (-c. 1891)
(S. Savona, Dr. P. Mifsud, F.S. De Cesare)

PARTITO ANTIRIFORMISTA (-c. 1884)
(Dr. F. Mizzi, Dr. Agost. Naudi, Dr. Z. Roncali, S. Cachia Zammit)



**1887**

REFORM PARTY
(S. Savona)

PARTITO NAZIONALE
(Dr. F. Mizzi, Dr. O. Grech Mifsud, Ct. G. Strickland)

**1889**

PARTITO DELL'ORDINE
(Count G. Strickland, Dr. Alf. Naudi, E. Ciantar)

**1891**

PARTITO UNIONISTA
(R.P. + P.N.: S. Savona, E. Castaldi)

**1893**

PARTITO NAZIONALE **(Malta)**
(Dr. F. Mizzi, E. Castaldi, Mgr. A. Mifsud)

REFORM PARTY **(Public Opinion)**
(S. Savona)

**1895**

PARTITO POPOLARE
(S. Savona, Mgr. I. Panzavecchia, A. Dalli, Dr. A. Pullicino)

**1897**

PARTITO NAZIONALE
(Dr. F. Mizzi)

PARTITO POPOLARE **(Malta Tagħna)**
(S. Savona, Mgr. I. Panzavecchia)

**1899-1905**

P.N./ASSOCIAZIONE POLITICA MALTESE
(Dr. F. Mizzi, Mgr. I. Panzavecchia, Dr. F. Sceberras, F. Azzopardi)

**1905-1910**

P.N.
(F. Azzopardi)

**1910**

P.N. "AZZOPARDIAN" antiastensionista
(F. Azopardi, Dr. F. Sceberras, Dr. A. Mercieca)

P.N. "MIZZIAN" astensionista
(Dr Gius. Mizzi, Dr. A. Pullicino, A. Dalli)



**1911**

COMITATO PATRIOTTICO astensionista
(P.P. + P.N.: Mgr. I. Panzavecchia)

**1914**

P.N. (neomizzian) antiastensionista
(Dr. G. Mizzi, Dr. E. Mizzi)

P.N. (panzavecchian) astensionista
(A. Dalli, Dr. A. Pullicino)

**1921**

CONSTITUTIONAL PARTY
(Count Sir G. Strickland)

LA CAMERA DEL LAVORO/LABOUR PARTY
(Col. Dr. W. Savona)

PARTITO POPOLARE/ UNIONE POLITICA MALTESE
(Panzavecchia)

PARTITO DEMOCRATICO NAZIONALISTA
(Dr. E. Mizzi)

**1926**

C.P. (Srickland) + L.P. (Lt. Col. M. Dundon, Dr. (Sir) P. Boffa) = "Compact"

P.P. + P.D.N. = P.N. (Dr. E. Mizzi, Dr. (Sir) U. Mifsud)

* cf. Henry J. Frendo: **The Formation of Maltese Political Parties** (D. Phil. Thesis, Oxford, 1976).

l-imġiba ta' qabel — hekk imdaħħla fl-usanzi u l-psikoloġija tan-nies f'pajjiż — sempliċement għaliex dan ikun għadu kemm ħeles mill-madmad tal-barrani. La hu hekk, trid tara jekk in-nies infushom jinbidlux, u jekk l-istrutturi ta' poter — politiku u ekonomiku — jibqgħux bħal qabel; b'mod speċjali trid tara kif u kemm tinbidel l-imġiba tal-"ex-natives" ma' xulxin, kif u kemm tista' tkun ġdida r-relazzjoni li tgħaddi bejn in-nies "tal-poter" u n-nies "tal-popolin," kemm tista' tintrefa' l-Politika Parrokkjali f'relazzjoni mal-Politika Nazzjonali, u kif tista' tiġi modifikata radikalment il-polarizazzjoni li tkun ġiet ritwalizzata fi żmien ieħor.

Sa fejn il-partiti politiċi kienu kkundizzjonati mill-kolonjaliżmu fl-operazjoni tiegħu fis-soċjetà maltija suppost li, bid-dekolonizazzjoni, dawn jevolvu minn kważi-tribujiet tal-infatwati f'mezzi kemm jista' jkun razzjonali u effiċjenti għad-distribuzzjoni tal-poter u tal-ġid billi jservu l-funzjoni li jiċċekkjaw (bl-effett li jtejbu) wieħed lill-ieħor fl-aħjar interess tal-pubbliku in ġenerali.

Trid tara, iżda, jekk dan ikunx qiegħed isir, jew inkella jekk iżjed ma l-partiti jersqu lejn xulxin fil-politika iżjed tikber (jew titkabbar) ir-rivalità bejn il-partitarji akkaniti. Meta l-istoriċi (u l-politikanti) tal-futur forsi jippruvaw iwieġbu dawn il-mostoqsijiet diffiċli, nittama li jkunu jistgħu jiggwidaw ruħhom xi ftit mill-esperjenza tal-passat li ppruvajt nirrikostruwixxi, ninterpreta u nfiehem hawnhekk.